



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-  
UNJONI GĦALL-  
AFFARIJET BARRANIN U L-  
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 28.4.2015  
JOIN(2015) 16 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019)  
"Inżommu d-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-aġenda tal-UE"**

## **Introduzzjoni**

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà hu li tikkontribwixxi għat-tnejjija ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-perjodu 2015-2019.

### **Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bħala l-prinċipji gwida tal-UE**

Id-dinja tal-lum hija instabbi u tinbidel malajr, dinja fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi spiss jiġu interrogati u f'ħafna postijiet injorati. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem żdiedu fil-volum u l-intensità, is-soċjetà ċivili qed tara l-azzjoni tagħha limitata, il-kunflitti saru multidimensjonali u reġimi awtoritarji saru aktar kuraġġużi. Il-globalizzazzjoni ġġib magħha sfidi ġodda li jagħmlu l-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem saħansitra aktar kumplessi.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-attenzjoni internazzjonali hija naturalment iffokata fuq l-istabbiltà. Madankollu, l-istabbiltà dejjiema ma tistax tinkiseb permezz ta' sigurtà u prosperità ekonomika biss. Il-lealtà taċ-ċittadini lejn l-Istat tagħhom u d-dipendenza tagħhom fuq mezzi paċifiċi jiddependu fuq kemm huma jħossuhom li huma protetti kontra deċiżjonijiet arbitrarji u li l-opinjoni tagħhom jistgħu jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Dan jista' jinkiseb biss f'soċjetà demokratika, ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li fiha l-gvern mhux korrott u huwa responsabbli, il-parlament huwa kapaċi li jirrifletti varjetà ta' fehmiet u l-interessi tal-popolazzjoni tagħha, is-soċjetà ċivili hija vibranti, il-midja hija ħielsa u s-sistema ġudizzjarja hija indipendenti.

Id-diskussjonijiet dwar l-oġettivi tal-iżvilupp sostenibbli għal wara l-2015, b'enfasi fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa bħala miri awtonomi jirriflettu dan l-oġettiv.

Din hija r-raġuni għaliex l-Unjoni għandha żżomm id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-azzjoni esterna tagħha. L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jiggwida l-azzjoni tal-Unjoni esternament u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta', inter alia, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-UE u fuq l-Istati Membri meta dawn jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-UE hija parti għal ċerti strumenti tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD). Il-kredibilità tal-Unjoni bħala promutur internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem tiddependi fuq dawn il-pilastri.

### **Il-Pakkett tal-2012 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija**

Fl-2012, l-UE adottat programm ambizzjuż — **il-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija**<sup>1</sup> — li jstabbilixxi kif huwa maħsub li tonora l-obbligi tagħha skont it-Trattat biex tavvanza d-demokrazija, l-istat tad-dritt, kif ukoll l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem.

---

<sup>1</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2012, ST 11855/12.

Kważi tliet snin wara l-adozzjoni tiegħu, il-Qafas Strateġiku, bil-prijoritajiet u l-prinċipji ta' gwida tiegħu jibqa' jipprovdi l-qafas għall-azzjoni tal-Unjoni.

Avveniment importanti ieħor tal-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet id-Deċiżjoni tal-2012 sabiex tiġi stabbilita l-kariga ta' **Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**. Ir-RSUE saħħaħ il-viżibbiltà u l-effikaċja tal-politika tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, eleva l-livell ta' interazzjoni mal-imsieħba tagħna u għenna navvanzaw prijoritajiet speċifiċi. Id-deċiżjoni<sup>2</sup> meħuda mill-Kunsill biex jiġi estiż il-mandat tar-RSUE b'sentejn oħra jirrikonoxxi dan ir-rwol importanti.

It-tielet element essenzjali tal-pakkett dwar id-Drittijiet tal-Bniedem adottat fl-2012 kien **Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2012-2014)**<sup>3</sup>, li għen biex jiġu implimentati l-impenji meħuda fil-Qafas Strateġiku.

Il-**Pjan ta' Azzjoni** kien jinkludi sensiela ta' 97 azzjoni li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, li għandhom jiġu implimentati kemm mill-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri. Huwa impenja lill-partijiet interessati kollha biex jiċċaraw l-għanijiet fi ħdan skedi ta' żmien definiti sew.

#### **Il-kisbiet tal-Pjan ta' Azzjoni 2012-2014**

Il-Pjan ta' Azzjoni 2012-2014 ipprovda spinta importanti biex jiġi żgurat l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti kollha u żgura li huma baqgħu ffukati fuq għadd ta' objettivi ewlenin. Ix-xogħol li sar taħt dan il-Pjan ta' Azzjoni wassal għal għadd ta' **kisbiet** importanti.

Il-Pjan ta' Azzjoni żied **l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem** f'firxa sħiħa ta' politiki esterni tal-UE u operazzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom, li wasslet għal bidliet konkreti fuq il-post. Il-passi li ttieħdu lejn l-integrazzjoni ta' konsiderazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa għall-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, u l-inklużjoni ta' valutazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħala element ġenerali fl-użu tal-għajnuna tal-UE huma biss ftit eżempji.

Il-Pjan ta' Azzjoni għen ukoll lill-UE tiżviluppa l-għodod u r-riżorsi meħtieġa biex tifformula u timplimenta **politika aktar koerenti**. L-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill ibbażat fi Brussell dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM), l-adozzjoni ta' sett ta' linji gwida dettaljati tal-UE dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mad-drittijiet tal-bniedem (il-libertà ta' reliġjon jew twemmin<sup>4</sup>, Drittijiet ta' persuni lezġjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI)<sup>5</sup>, il-libertà ta' espressjoni online u offline<sup>6</sup>), l-adozzjoni ta' sett ta' għodda għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet lejn l-iżvilupp, l-adozzjoni ta' Strateġiji tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Pajjiż lokali bbażati fuq ħidma ta' kooperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri, l-istabbiliment ta' punti fokali għad-

<sup>2</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2015, ST 5716/15

<sup>3</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2012, ST 11855/12

<sup>4</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2013, ST 11491/13

<sup>5</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2013, ST 11492/13

<sup>6</sup> Id-Dokument tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014, ST 9647/14

drittijiet tal-bniedem fid-Delegazzjonijiet tal-UE, it-titjib ta' programm ta' taħriġ immirat għall-persunal tal-UE u d-diplomatiċi tal-Istati Membri, kollha kkontribwew għal dan l-għan.

Il-Pjan ta' Azzjoni imbotta wkoll il-**multilateraliżmu effettiv** permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji annwali u prijoritajiet tal-UE fil-Fora tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, b'mod partikolari l-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, huwa ffoka l-azzjoni tal-UE fuq għadd ta' prijoritajiet ewlenin, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-bniet, id-drittijiet tat-tfal, u d-drittijiet ta' persuni LGBTI, u sejjaħ għal iktar ħidma fil-qasam tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (ESC), f'konformità mal-impenn tal-Unjoni lejn l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-PA, iddedika l-attenzjoni lejn kwistjonijiet ta' diżabilità f'konformità mal-obbligi mħaddna fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD).

Il-Pjan ta' Azzjoni saħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili madwar id-dinja. Huwa integra l-prattika ta' konsultazzjoni ma' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili qabel id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' dokumenti ta' politika ewlenin, ipromwova l-involvement tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili fit-tfassil ta' assistenza finanzjarja, u tejjeb l-appoġġ mill-UE lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jiffaċċjaw miżuri restrittivi.

Fl-aħħar nett, il- Pjan ta' Azzjoni tejjeb il-**viżibilità** tal-Unjoni ta' azzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija u r-**responsabbiltà** tagħha b'rabta mas-sħab tagħha, speċjalment lejn is-soċjetà ċivili.

Ir-riżultati ta' dawn l-aħħar snin jipprovdu bażi solida għal impenn kontinwu tal-UE biex tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u tappoġġja l-proċessi ta' tranżizzjoni demokratika madwar id-dinja bilateralment, fi sħubija ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra, u fil-livell multilaterali, b'mod partikolari fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti. Ħafna mill-azzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni 2012-2014 issa huma parti integrali mill-ħidma ta' kuljum tal-Unjoni — huma jgawdu l-appoġġ tal-partijiet interessati kollha, jibbenefikaw mill-eżistenza ta' proċeduri stabbiliti sew u huma koperti minn sett eżawrjenti ta' dokumenti ta' gwida. Għal dawn ir-raġunijiet, dawn l-azzjonijiet m'għandhomx għalfejn jiġu prijoritizzati fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni ġdid propost. Madankollu, dawn se jkomplu jidhru fir-rapport annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, biex jiġi żgurat li jkun hemm viżibilità u responsabbiltà f'dawk l-oqsma wkoll.

Min-naħa l-oħra, xi oqsma identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni 2012-2014 jeħtieġu **impenn politiku mġedded u sforzi addizzjonali u għalhekk se jidhru b'mod aktar prominenti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni**. Dan huwa l-każ, inter alia għall-appoġġ għad-demokrazija, li ser jiġi integrat f'għadd ta' oġettivi; għad-drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; biex jiġi indirizzat ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fi kriżijiet u kunflitti; għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, partikolarment kontra n-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u LGBTI iżda wkoll kontra membri ta' minoranzi reliġjużi; għall-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin u biex tiżdied il-koerenza tal-politiki tal-UE mill-perspettiva tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Pjan ta' azzjoni ġdid għandu jindirizza dawn l-isfidi kontinwi.**

**It-triq 'il quddiem**

Fid-dawl tal-esperjenza pożittiva, il-**Pjan ta' Azzjoni I-ġdid** għandu jkopri **I-perjodu 2015-2019**, sabiex jiġi żgurat allinjament sħiħ mal-mandat tal-HRVP u tal-Kummissjoni Ewropea.

**Il-Pjan ta' Azzjoni** għandu jkun soġġett għal **rieżami tal-implimentazzjoni ta' nofs it-terminu fl-2017** sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-progress li sar u, jekk ikun meħtieġ, isiru aġġustamenti fid-dawl tal-esperjenza u l-emerġenza ta' sfidi ġodda. Ir-reviżjoni se tikkoinċidi mar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern u tista' tikkontribwixxi għal koerenza akbar bejn il-politiki tal-UE u l-assistenza finanzjarja.

L-azzjonijiet proposti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni huma ġeografikament newtrali u għandhom japplikaw għar-reġjuni kollha tad-dinja, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-ispeċifitajiet lokali. Dawn l-azzjonijiet se jiġu tradotti fi prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiż permezz ta' Strateġiji tal-Pajjiż Lokali għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Fir-rigward ta' **pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali**, l-UE ser tkompli tissorvelja l-impenn tagħhom lejn il-promozzjoni tal-valuri tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem — kif stipulat fl-Artikolu 49 tat-TUE — u se tipprovdi gwida u sostenn biex tiżgura progress tanġibbli u sostnut f'dawn l-oqsma ta' riforma ewlenin.

Fir-rigward tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, enfasi qawwija għandha titqiegħed fuq li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. L-UE ser tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lill-pajjiżi sħab bl-implimentazzjoni tar-riformi li jrawmu djalogu inklussiv, li jippromwovu governanza tajba, isaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura u jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## **Prinċipji**

Il-Pjan ta' Azzjoni I-ġdid ma għandux ifittex li jkopri b'mod sħiħ l-aspetti kollha tal-politiki ta' appoġġ tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem/id-Demokrazija. Iżda, għandu jkun aktar **strateġiku u jiffoka fuq prijoritajiet** fejn huma meħtieġa **momentum politiku addizzjonali u impenn imsaħħaħ**. Il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiggwida kemm il-ħidma bilaterali kif ukoll l-impenn tal-UE f'fora multilaterali u reġjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa.

F'dan l-ispirtu, il-Pjan ta' Azzjoni propost ser ikun iggwidat mill-prinċipji li ġejjin:

1. F'ambjent globali fejn l-isfidi qegħdin dejjem jikbru, ir-rilevanza ta' standards universali hija ddubitata u t-tentattiv tal-UE biex tippromwovihom qed ikollu reżistenza dejjem ikbar. Il-promozzjoni tal-valuri permezz ta' azzjoni eżoġena biss ta' spiss ma tkunx effettiva. Għalhekk, l-isforzi għandhom ikunu ffukati fuq l-appoġġ tal-forzi endoġeni. L-UE għandha **tagħti s-setgħa lill-interlokuturi f'pajjiżi terzi** (governattivi, parlamentari, u kważi-governattivi), issaħħaħ ir-rwol tal-ġudikatura, tkompli tappoġġja lis-**soċjetà ċivili** inklużi l-imsieħba soċjali u tippromwovi ambjenti favorevoli, isaħħaħ ir-rwol u l-impatt ta' **organizzazzjonijiet u mekkaniżmi reġjonali** u ssaħħaħ il-kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti li, bis-sħubija universali tagħha, ikollha aktar effett ta' lieva.
2. L-UE għandha tmexxi bl-eżempju. Hija tinsab taħt skrutinju qawwi għal dawk li huma meqjusin bħala **diskrepanzi** fl-approċċ tagħha għal kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem (standards doppji u inkonsistenzi interni/esterni). Għalhekk huwa meħtieġ impenn

imġedded biex tittejjeb il-koerenza fl-indirizzar tad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-aspetti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE u fl-aspetti esterni tal-politiki interni, filwaqt li tibni fuq l-approċċ żviluppat mill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-UE.

3. L-UE trid tiffoka fuq l-aktar sfidi urġenti tad-drittijiet tal-bniedem, li jridu jiġu indirizzati kemm internament kif ukoll esternament. Dawn l-isfidi jinkludu b'mod partikolari l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-rispett tal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza kif ukoll l-assigurazzjoni li d-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati fil-migrazzjoni, il-kummerċ jew il-politiki dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
4. L-UE għandha tagħti **s-setgħa lilha nfisha** — id-diversi strumenti, għodod u politiki li għandha għad-dispożizzjoni tagħha jeħtieġ li jintużaw b'mod aktar intelliġenti u b'mod aktar strateġiku, kemm fil-qafas bilaterali tax-xogħol kif ukoll fl-involviment f'fora multilaterali.
5. Finalment l-UE għandha **tikkomunika aħjar** dak li tagħmel, ittejjeb il-kapaċità biex **tkejjel l-impatt** u, fejn hu xieraq, tfassal **alternattivi u strateġiji aktar effiċjenti**.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Pjan ta' Azzjoni meħmuż jidentifika l-ħames oqsma strateġiċi ta' azzjonijiet li ġejjin:

**(i) Żieda fis-sjieda ta' atturi lokali:** Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jistgħu biss jieħdu għeruq bis-sħiħ fejn ikun hemm sjieda lokali qawwija. Dan il-kapitolu tal-Pjan ta' Azzjoni jiffoka fuq l-azzjonijiet u l-attivitajiet immirati li jtejbu l-mod li bih ninteraġixxu mal-partijiet interessati esterni kollha, kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi. Enfasi speċifika tingħata għall-isfidi li jirrigwardaw l-ispazju għas-soċjetà ċivili.

**(ii) L-indirizzar tal-isfidi ewlenin għad-drittijiet tal-bniedem:** Dan il-kapitolu jiffoka fuq sfidi tematiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jinżamm il-bilanċ meħtieġ bejn drittijiet ċivili u politiċi fuq naħa u drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, fuq in-naħa l-oħra. Din il-lista ta' azzjonijiet tikkomplimenta u ssaħħaħ l-oġettivi segwiti taħt il-kapitolu preċedenti.

**(iii) L-iżgurar ta' strateġija għad-Drittijiet tal-Bniedem komprensiva għall-kunflitti u l-kriżijiet:** Dan il-kapitolu jipproponi firxa ta' azzjonijiet biex jippromwovu u jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u politiki fil-livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex jipprevjenu u jindirizzaw vjolazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'enfasi partikolari fuq l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali. Il-kapitolu jirrifletti wkoll ħtieġa ċara li l-UE taggħusta l-istrumenti eżistenti tagħha man-natura dejjem tinbidel tal-konflitti.

**(iv) Trawwim ta' aktar koerenza u konsistenza:** Dan il-Kapitolu jindirizza l-ħtieġa għall-Kummissjoni, flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex jintegraw aktar konsiderazzjonijiet ta' Drittijiet tal-Bniedem fl-aspetti esterni ta' politiki tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ u l-investment, il-migrazzjoni/ażil/refuġjati u l-politiki ta' żvilupp kif ukoll fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, sabiex tiġi żgurata koerenza politika aħjar.

**(v) Tiżdied l-effettività u l-kultura tar-riżultati fid-Drittijiet tal-Bniedem u d-demokrazija:** Fil-kuntest ta' sfidi li dejjem jiżdiedu u riżorsi limitati, użu aħjar ta' strumenti eżistenti, attivitajiet u politiki huwa

I-uniku mod sabiex jiżdied l-impatt tal-UE, dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan il-kapitolu jipproponi azzjonijiet li se jgħinu lill-UE tiżviluppa approċċi aktar strateġiċi u orjentati lejn ir-riżultati.

## PJAN TA' AZZZJONI TAL-UE DWAR ID-DRITTJIET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA

L-iskop ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa li jkompli jimplimenta l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, b'biżżejjed flessibbiltà sabiex ikun jista' jwieġeb għall-isfidi ġodda li jinqalgħu. Huwa jibni fuq il-korp eżistenti ta' drittijiet tal-bniedem tal-UE u politiki ta' appoġġ għad-demokrazija fl-azzjoni esterna tal-UE<sup>7</sup>, b'mod partikolari l-linji gwida tal-UE, settijiet ta' għodda u pożizzjonijiet maqbula oħra, u d-diversi strumenti ta' finanzjament estern, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni, huwa importanti li l-istituzzjonijiet Ewropej **jaħdmu flimkien**, filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli istituzzjonali distinti tagħhom, u li, fejn xieraq, il-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat f'livell nazzjonali mill-Istati Membri. Ir-responsabbiltà li jwettqu l-azzjonijiet elenkati hija tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President assistit mis-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (SEAE), u flimkien mal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom kif definiti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea<sup>8</sup>. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, f'konformità mal-mandat tiegħu. Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2019 u l-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi riveduta fl-2017.

### Abbozz ta' tabella ta' Pjan ta' Azzjoni Ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019)

| Għan   | Azzjoni  | Skeda               | Responsabbiltà 1   |
|--|--|---------------------|--|
| <b>I. TISĦIĦ TAS-SJIEDA TA' ATTURI LOKALI</b>  |  |                     |  |
| <i>a) Twassil ta' appoġġ komprensiv lill-istituzzjonijiet pubbliċi</i>                               |  |                     |  |
| <b>1. L-appoġġ għall-kapaċità tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs)</b> | a. Rikonoxximent tar-rwol kruċjali tal-NHRIs bħala istituzzjonijiet indipendenti u affermazzjoni tal-impenn tal-UE biex tappoġġa u timpenja ruħha ma' dawk l-istituzzjonijiet li huma f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi. Tisħiħ tal-involviment tal-NHRIs fi proċessi ta' konsultazzjoni fil-livell tal-pajjiż, b'mod partikolari rigward id-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem u riformi ta' pajjiżi terzi. | Għaddejjin bħalissa | <b>Is-servizzi tal-Kummissjoni (COM), SEAE, l-Istati</b> |

<sup>7</sup> Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti speċifiċi għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali skont il-politika ta' tkabbir tal-UE.

<sup>8</sup> Deċiżjonijiet dwar passi speċifiċi biex jiġi implimentat dan il-Pjan ta' Azzjoni ser jittieħdu f'konformità mat-Trattati. Il-Pjan ta' Azzjoni ma jaffettwax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, u ser jiġi interpretat f'konformità mad-Dikjarazzjoni 13 tat-Trattati.

|   |   |                     |                      |
|---|---|---------------------|----------------------|
|   |   |                     | <b>Membri (SM)</b>   |
|   | b. Tisħiħ, fil-kuntest tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni Internazzjonali tal-NHRIs, il-kapaċitajiet ta' dawk bi status "A", appoġġ għat-titjib ta' dawk bi status "B" għall-istatus "A" tagħhom u kooperazzjoni ma' networks reġjonali u internazzjonali. Il-ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet għandha tiddaħħal għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss ta' nofs it-terminu tal-Istrumenti Finanzjarji Esterni tal-UE. | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
| <b>2. Appoġġ għall-Korpi ta' Ġestjoni Elettorali</b>              | a. Tisħiħ tar-rwol u l-kapaċità ta' Korpi ta' Ġestjoni Elettorali biex b'mod indipendenti u effettiv iwasslu għal elezzjonijiet kredibbli, inklużivi u trasparenti, partikolarment permezz ta' aktar djalogu dedikat u strateġija ta' appoġġ fit-tul.   | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE</b>     |
|   | b. Inkoraġġiment ta' djalogu parteċipattiv u inklużiv matul il-proċess elettorali bejn il-Korpi ta' Ġestjoni Elettorali u l-partijiet interessati ewlenin, bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni ta' partiti politiċi u Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili, inkluż permezz tal-aċċess tagħhom għall-informazzjoni u l-osservazzjoni tagħhom fl-istadji kollha tal-proċess elettorali.                          | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
| <b>3. L-appoġġ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet Parlamentari</b> | a. Appoġġ għall-iżvilupp ta' prerogattivi leġiżlattivi, baġitarji u ta' sorveljanza tal-parlamenti, biex jgħinu l-parlamenti fl-organizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet kruċjali ta' riforma filwaqt li jitqiesu kif dovut l-obbligi tal-liġi internazzjonali rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem;   | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
|   | b. Inklużjoni tad-dimensjoni parlamentari tal-programmi ta' governanza tajba tal-UE u l-EUMS u l-appoġġ baġitarju.  | Sal-2017            | <b>COM, SEAE, SM</b> |
| <b>4. Appoġġ immirat għas-settur tal-Ġustizzja</b>                | a. Li r-riforma ġudizzjarja (kriminali u ċivili) tiġi akkumpanjata b'taħriġ adegwat ta' persunal ġudizzjarju biex jiżdied l-għarfien dwar l-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; provvediment ta' appoġġ sistematiku għall-promozzjoni professjonali u rappreżentanti legali mħarrġa tajjeb u għal organizzazzjonijiet tal-avukati (eż. Kmamar tal-Avukati).                            | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |

|   |  |                     |                      |
|---|--|---------------------|----------------------|
|   | b. Monitoraġġ fuq livell bilaterali u multilaterali tal-konformità mill-pajjiżi sħab tal-obbligi internazzjonali tagħhom f'termini ta' aċċess għall-ġustizzja u proċess ġust, inkluż għajnuna legali; mobilizzazzjoni kif xieraq ta' kooperazzjoni teknika u appoġġ.   |                     | <b>SEAE, COM, SM</b> |
|   | c. Promozzjoni u faċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja f'livell deċentralizzat; involviment fi djalogu u appoġġ lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u faċilitajiet ta' detenzjoni.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
| <b>5. Appoġġ komprensiv lill-istituzzjonijiet pubbliċi</b>  | a. B'kunsiderazzjoni tal-aħjar prattiki, tkompli ta' appoġġ għas-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi kif ukoll il-promozzjoni tar-rwol ta' atturi lokali fi proċessi ta' riforma, b'mod partikolari r-riformi kostituzzjonali, sabiex jirriflettu aħjar l-interessi ta' diversi partijiet interessati.                  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>     |
|   | b. Żvilupp ta' għarfien espert speċifiku u promozzjoni tal-istabbiliment ta' korpi speċjalizzati fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; tiżni tal-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika u l-korpi ta' kontra l-korruzzjoni biex jimplimentaw politiki b'integrità u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi pubbliċi.  | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
| <b>6. It-tiżni tal-kooperazzjoni ma' mekkaniżmi reġjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-demokrazija</b>  | a. Tiżni tal-aspetti tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kooperazzjoni tal-UE ma' organizzazzjonijiet u mekkaniżmi reġjonali, b'mod partikolari billi jiġu segwiti s-sinerġiji u inizjattivi komuni fuq kwistjonijiet tematiċi ċentrali u f'avvenimenti multilaterali importanti,   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>     |
|   | b. Promozzjoni tal-inizjattivi ta' bini ta' kapaċitajiet peer-to-peer bejn mekkaniżmi reġjonali ta' appoġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, SM, COM</b> |
| <b><i>b) It-tiġdid tas-soċjetà ċivili</i></b>   |  |                     |                      |
| <b>7. Il-promozzjoni ta' sħubija aktar b'saħħitha ma' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (CSO) ta' pajjiżi terzi, inklużi l-imsieħba soċjali u bejn l-awtoritajiet, il-parlamenti u CSO</b> | a. Faċilitar ta' djalogi dwar politika nazzjonali inter alia permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki fuq skambji strutturati bejn il-gvern/Membri tal-Parlament u s-soċjetà ċivili, inklużi r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>     |
|   | b. Aktar tiżni tal-kapaċità tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili biex iżommu lill-gvernijiet responsabbli, inkluż permezz ta' skambji tal-aqwa prattiki fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell reġjonali.  | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
|   | c. Titjib fil-kwalità tal-konsultazzjonijiet organizzati mill-UE fil-livell lokali, b'mod partikolari bil-ħsieb li filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali u l-movimenti taċ-ċittadini, meta jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki; Inkoraġġiment tad-djalogu tripartitiku (l-awtoritajiet, l-organizzazzjonijiet tas- | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |

|  |   |                     |                      |
|--|---|---------------------|----------------------|
|  | soċjetà ċivili u l-UE) bħala parti mill-pjanijiet direzzjonali tad-Delegazzjonijiet tal-UE” (UE DELs).  |                     |                      |
|  | d. Żieda fl-involvement tal-UE ma’ partiti politiċi u movimenti taċ-ċittadini bil-għan li jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fit-trawwim ta’ istituzzjonijiet demokratiċi u prattiki responsabbli.   | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
| <b>8. Tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet</b>          | Appoġġ għall-organizzazzjonijiet tan-nisa u d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) fil-ħarsien tagħhom tad-drittijiet tan-nisa, u biex jiġu mħeġġa jaqdu rwol aktar b’saħħtu f’li jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli fir-rigward ta’ kwistjonijiet ta’ ugwajanza bejn is-sessi.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
| <b>9. Żieda fl-appoġġ għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB), inkluż f’fora internazzjonali u reġjonali</b> | a. Żieda fl-appoġġ lid-DDB, inklużi dawk li jaħdmu għad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, permezz ta’ approċċ sistematiku u komprensiv, billi: jitqajmu każijiet tad-DDB li jkunu f’riskju matul iż-żjarat ta’ livell għoli, inklużi missjonijiet speċifiċi għas-settur; tkomplija ta’ appoġġ u kooperazzjoni man-NU u mekkaniżmi reġjonali għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB); it-tisħiħ tal-appoġġ għal inizjattivi multilaterali dwar id-DDB u tal-ispazju tas-soċjetà ċivili, inkluż fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u tiżdied il-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri fir-rigward tal-Protezzjoni tad-DDB. | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
|  | b. Żgurar ta’ attivitajiet frekwenti ta’ sensibilizzazzjoni f’żoni rurali, u kuntatt aktar sistematiku ma’ DDB tan-nisa u gruppi marġinalizzati.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
| <b>10. L-indirizzar tat-theddid għall-ispazju tal-NGOs</b>   | a. Promozzjoni u appoġġ tal-leġiżlazzjoni, politiki u mekkaniżmi maħsuba biex jiġu protetti d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; b’mod partikolari, implimentazzjoni bis-sħiħ tal-Linji gwida rilevanti tal-UE u l-Mekkaniżmu ta’ DDB tal-UE mnedija taħt l-EIDHR, inkluż billi jiżdiedu l-għarfien u taħriġ speċifiku u t-taħriġ għall-persunal fil-Kwartieri Ġenerali tal-UE u tad-Delegazzjonijiet (taqsimiet politiċi u operazzjonali).  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |

|   |  |                         |                               |
|---|--|-------------------------|-------------------------------|
|   | <p>b. Monitoraġġ b'mod attiv tal-ambjent legali (eż. liġijiet u regolamenti) u abilitanti (eż. proċedurali arbitrari, fastidju jew restrizzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari rigward finanzjament barrani) tas-soċjetà ċivili inklużi l-imsieħba soċjali u l-identifikazzjoni u rappurtar b'mod proattiv ta' theddid tal-ispazju tas-soċjetà ċivili, u li jittieħdu passi biex jiġi miġġieled theddid b'hal dan.</p>   | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b>      |
|   | <p>c. Oppożizzjoni permezz ta' messaġġi pubbliċi u privati tar-restrizzjonijiet mhux ġustifikati tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' ġabra, l-għeluq tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u t-tentattivi li jfjixklu l-ħidma tas-soċjetà ċivili, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, waqt li jiġi żgurat li dawn il-kwistjonijiet jitqajmu b'mod regolari f'laqgħat bilaterali, id-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem, u fora tan-NU b'halma huma l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.</p> | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b>      |
| <b>II) L-INDIRIZZAR TAL-ISFIDI EWLENIN GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM</b> |  |                         |                               |
| <b>11. Promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza</b>     | <p>a. Jittieħdu passi attivi sabiex jipprevjenu u jirrispondu għal vjolenza kontra l-ġurnalisti u atturi oħrajn tal-midja, li b'hekk jippermettulhom li jaħdmu fis-sikurezza u s-sigurtà, mingħajr biża' ta' vjolenza, pressjoni politika, ċensura jew persekuzzjoni.</p>  | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b>      |
|   | <p>b. Jiġi żgurat ir-rispett għal-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-midja jkun integrat fl-iżvilupp ta' politiki u programmi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà fuq l-internet, il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, l-aċċess għall-informazzjoni u politiki oħra tal-UE f'dan il-qasam, b'hal-qafas leġiżlattiv għal servizzi tal-midja awdjoviżiva.</p>  | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b>      |
|   | <p>c. Jiġi żgurat li kwistjonijiet ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-dejta f'era diġitali u l-impatt ta' programmi ta' sorveljanza tal-massa huma indirizzati kif suppost fil-livell bilaterali u multilaterali (il-Kunsill tal-Ewropa, in-NU, l-OSKE).</p>   | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b>      |
| <b>12. Kultivazzjoni ta' ambjent nondiskriminatorju</b>               | <p>a. Żvilupp ta' "Manwal tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni" f'pajjiżi terzi, li jiddeskrivi l-għodod għal miżuri kontra d-diskriminazzjoni kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż id-diskriminazzjoni kumulattiva/multipla.</p>   | Għaddejjin<br>b'ħalissa | <b>SEAE, COM,<br/>Kunsill</b> |
|   | <p>b. Żieda fis-sensibilizzazzjoni u ġestjoni proattiva minn persunal ewlieni ta' kwistjonijiet LGBTI fil-Kwartieri Ġenerali, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati</p>   | Għaddejjin              | <b>SEAE, SM,<br/>COM</b>      |

|  |  |                     |                      |
|--|--|---------------------|----------------------|
|  | tal-Istati Membri.   | bħalissa            |                      |
|  | c. Kunsiderazzjoni li tissaħħaħ il-politika tal-UE dwar il-popli indiġeni f'konformità mad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dokument ta' eżitu tal-Konferenza Dinjija tal-2014 dwar Popli Indiġeni.  | sal-2016            | <b>SEAE, COM, SM</b> |
|  | d. Żgurar u promozzjoni ta' aċċess ugwali u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni b'diżabbiltajiet, f'konformità mal-UNCPRD li l-UE hija parti kemm permezz tal-integrazzjoni ta' tħassib fir-rigward tad-diżabbiltà fl-azzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-iżvilupp ta' azzjonijiet immirati sabiex ineħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni ugwali tagħhom; appoġġ u tisħiħ tal-funzjonament tal-mekkaniżmi biex jippromwovu, jipproteġu u jimmonitorjaw l-UNCPRD skont l- Artikolu 33.2 tiegħu inkluż il-ġestjoni f'pajjiżi sħab; jittieħdu l-passi meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-Protokoll Fakultattiv tal-UNCPR; f'konformità mal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020, ikomplu jiġu promossi d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà fl-Azzjoni Esterna tal-UE. | Għaddejjin bħalissa | <b>COM, SEAE, SM</b> |
| <b>13. Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, għoti tas-setgħa u parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet</b> | a. Intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi u l-impenji tad-drittijiet tan-nisa magħmula f'CEDAW, skont il-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing, fid-Dikjarazzjoni tal-Kajr dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u fl-aġenda għall-iżvilupp ta' wara l-2015.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b> |
|  | b. Kunsiderazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni tal-UE ġdid u robust dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fil-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp 2016-20 (GAP II); permezz ta' azzjonijiet immirati lejn (i) id-drittijiet Ekonomiċi, Soċjali, u Kultura tagħhom u l-parteċipazzjoni (ii) id-drittijiet Ċivili u Poliċi tagħhom u l-eżerċizzju tagħhom (iii) u permezz ta' attivitajiet li jgħinu biex jipproteġu l-integrità fiżika u psikoloġika tan-nisa, b'attenzjoni speċjali biex tintemm il-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), iż-Żwieġ Bikri u Furzat tat-Tfal u l-Vjolenza Sesswali fil-Konflitti.  | Sal-2016            | <b>COM, SEAE</b>     |

|   |  |                     |                               |
|---|--|---------------------|-------------------------------|
|   | c. Tmexxija bl-eżempju: tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġi tal-pożizzjoni tan-nisa fi ħdan l-UE u tiżdied ir-responsabbiltà, billi tiġi żgurata koerenza ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.  | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
|   | d. Insewiment tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet deskritti fil-Komunikazzjoni "Lejn l-eliminazzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili" <sup>9</sup> .  | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>          |
| <b>14. Ħarsien tad-drittijiet tat-Tfal</b>                                    | a. Appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi msieħba biex jipromwovu, jiproteġu u jħarsu d-drittijiet tat-tfal b'fokus partikolari fuq it-tiġi ta' sistemi ta' protezzjoni tat-tfal.<br>b. Appoġġ lill-pajjiżi msieħba biex jipromwovu, jiproteġu u jħarsu d-drittijiet tat-tfal b'fokus fuq il-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, il-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal u l-promozzjoni tas-sopravivenza u l-iżvilupp, filwaqt li jittieħed kont tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali bħalma huma s-saħħa u n-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-protezzjoni soċjali.                                   | Sal-2017            | <b>SEAE, COM</b>              |
| <b>15. Il-ġlieda kontra t-tortura, it-trattament ħażin u l-piena tal-mewt</b> | a. L-indirizzar tat-tortura (prevenzjoni, responsabbiltà u riabilitazzjoni), it-trattament ħażin u l-piena tal-mewt (l-abolizzjoni, moratorju u standards minimi) b'mod komprensiv permezz ta' dialoġi politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, u l-integrazzjoni ta' salvagwardji kontra l-piena tal-mewt, it-tortura u t-trattament ħażin f'attivitajiet tal-UE, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fl-immaniġġjar tal-kriżijiet.<br>b. Elaborazzjoni ta' strateġija koerenti li tindirizza r-rabta bejn qtil ekstraġudizzjarju, għajbien sfurzati, it-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin. | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |
|   | c. Żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' azzjonijiet konġunti u l-iskambju ta' prattiki tajbin, b'kooperazzjoni mill-qrib man-NU, mal-organizzazzjonijiet reġjonali u mas-soċjetà ċivili, inkluż l-inizjattiva globali ta' 10 snin (Konvenzjoni ta' Inizjattiva kontra t-Tortura, CTI - Convention against torture Initiative), biex tinkiseb ir-ratifika globali u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura (CAT - Convention against Torture) sal-2024 u l-promozzjoni tar-ratifika u l-   | Sal-2017            | <b>SEAE, COM, Kunsill</b>     |
|   |  | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>          |

<sup>9</sup> 25 ta' Novembru 2013, COM(2013) 833 FINAL [http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/gender\\_based\\_violence/131125\\_fgm\\_communication\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/gender_based_violence/131125_fgm_communication_en.pdf)

|  |   |                     |                           |
|--|---|---------------------|---------------------------|
|  | implimentazzjoni tal-Protokoll opzjonali tagħha (OPCAT - Optional Protocol), u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni kollha mill-Għajbien Sfurzat.  |                     |                           |
| <b>16. It-trawwim ta' aġenda komprensiva biex tippromwovi d-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ESCR)</b> | <p>a. Riaffermazzjoni tal-impenn tal-UE biex iżżid l-iffokar tagħha fuq l-ESCR fil-politika esterna tal-UE, inklużi fil-programmazzjoni tagħha ta' assistenza esterna, filwaqt li tenfasizza wkoll li d-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli u interrelatati, u li t-tiżni tad-dimensjoni tal-ESCR bl-ebda mod ma jirrifletti dgħufija ta' impenji eżistenti għad-Drittijiet Ċivili u Politiċi; enfasi tar-rikonoxximent ċar tad-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma tal-politika bħal dawk soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, jew l-istandard ta' għajxien; żvilupp tal-bini tal-kapaċità sabiex ikun żgurat li l-persunal relevanti tal-UE u l-Istati Membri kif ukoll l-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi s-sħab soċjali fuq il-post ikunu infurmati bit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, b'mod partikolari dawk relatati mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol (konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO).</p> <p>b. Żieda fl-isforzi biex jipproteġu d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem inklużi l-imsieħba soċjali, li qed jaħdmu biex jiddefendu d-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, b'attenzjoni partikolari fuq kwistjonijiet relatati ma' drittijiet tal-art, id-drittijiet tax-xogħol, inklużi dawk ta' popli indiġeni, fil-kuntest ta' inter alia l-"ħtif tal-art" u t-tibdil fil-klima.</p> | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, Kunsill</b> |
|  |   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>      |
| <b>17. Progress dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem</b>   | a. Żvilupp tal-kapaċità u l-għarfien dwar l-implimentazzjoni ta' linji gwida dwar id-Drittijiet tan-Negozji u tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGP) u għodod oħra/inizjattivi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGP); jissafha ir-rwol u l-kompetenza ta' DELs f'dan il-kuntest; titqajjem kuxjenza dwar il-prinċipji gwida tan-Nazzjonijiet Uniti (UNGP) u r-responsabilità soċjali korporattiva fl-  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>          |

|  |  |                     |                        |
|--|--|---------------------|------------------------|
|  | azzjoni esterna u d-djalogu politiku u involviment proattiv ma' negozji, is-soċjetà ċivili, Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, gvernijiet imsieħba u organizzazzjonijiet reġjonali dwar kwistjonijiet relatati ma' negozju u d-drittijiet tal-bniedem, kemm rigward id-drittijiet ċivili u politiċi kif ukoll id-drittijiet ekonomiċi, kulturali u soċjali.                   |                     |                        |
|  | b. Żvilupp u implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs) dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU.  | Sal-2017            | <b>SM</b>              |
| <b>III. L-IŻGURAR TA' STRATEĠIJA KOMPRESIVA GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM GĦALL-KUNFLITTI U L-KRIŻIJET</b>                |  |                     |                        |
| <b>18. Minn twissija bikrija għal azzjoni preventiva</b>   | a. Promozzjoni u l-aħjar użu ta' Sistema ta' Twissija Bikrija ta' Konflitt Ġdid tal-UE bħala għodda għall-prevenzjoni ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, SM tal-UE</b> |
|  | b. Tiġi żgurata koerenza akbar fl-oqasma tad-drittijiet tal-bniedem b'rappurtar u twissija bikrija/analiżi tal-konflitti, inkluż billi jiġu indirizzati riskji tal-konflitti rilevanti fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem.  | Sal-2016            | <b>SEAE, SM tal-UE</b> |
|  | c. Attivitajiet ta' appoġġ għall-ġlieda kontra l-inċitament li jistgħu jwasslu għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem/realti atroċi. Attivitajiet ta' appoġġ fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u sejħiet għal estremiżmu vjolenti, permezz tal-iżvilupp ta' kontronarrattivi, edukazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u inizjattivi tal-bini tal-paċi mmirati lejn iż-żgħażaġħ u t-tfal. | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>       |
|  | d. Appoġġ għall-istabbiliment ta' prevenzjoni, rispons u programmi ta' riintegrazzjoni (fit-tul) għat-tfal affettwati minn kunflitt armat f'kooperazzjoni ma' komunitajiet lokali, tfal affettwati u l-ġenituri (eż. appoġġ psikosoċjali, riintegrazzjoni soċjoekonomika, edukazzjoni u taħriġ tal-ħiliet għall-ħajja kif ukoll it-traċċar tal-familji u r-riunifikazzjoni).                       | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>   |
| <b>19. It-titjib tal-kapaċità biex jiġu indirizzati l-kunflitti u l-kriżijiet fuq livell multilaterali u reġjonali</b> | a. Tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' u l-appoġġ għall-Konsulent Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni ta' Ġenoċidji u l-Konsulent Speċjali tan-NU dwar ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni, kif ukoll atturi internazzjonali u reġjonali oħra involuti f'azzjoni preventiva.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>   |
|  | b. Appoġġ għall-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU għat-tfal u l-Konflitti Armati u b'mod partikolari appoġġ għall-iffirmar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta'  | Għaddejjin          | <b>SEAE, COM,</b>      |

|   |  |          |                           |
|---|--|----------|---------------------------|
|   | Pjanijiet ta' Azzjoni sabiex tingħata risposta u sabiex jiġi evitat ksur serju kontra t-tfal affettwati minn kunflitti, inkluż permezz ta' appoġġ u attivitajiet tal-ipprogrammar.   | bħalissa | <b>SM</b>                 |
| <b>20. Appoġġ ta' konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL)</b> | a. Tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mal-IHL fid-dawl tal-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' konformità tal-IHL possibbli fil-futur. Li jsir rapport ta' valutazzjoni li jevalwa l-implimentazzjoni ta' għodod tal-politika eżistenti u li jwassal għal rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar kif l-UE u l-Istati Membri tal-UE jistgħu jappoġġaw b'mod konkret mekkaniżmu ta' konformità futur possibbli.   | Sal-2016 | <b>SEAE, COM, Kunsill</b> |
|   | b. Żvilupp u implimentazzjoni ta' politika li tiżgura li l-UE u l-Istati Membri tal-UE jappoġġjaw forzi militari, tal-pulizija, tal-kontroll tal-fruntieri u forzi oħra tas-sigurtà, inkluż fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, li hija konformi ma'/tikkontribwixxi għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, u hija konsistenti mal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem (Il-Politika ta' Diliġenza dovuta tad-Drittijiet tal-Bniedem). | Sal-2017 | <b>SEAE, COM, SM</b>      |
|   | c. Twaqqif ta' sistema għar-rappurtar obligatorju ta' ksur serju tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) li huma ffaċċjati minn persunal f'Delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, u persunal rilevanti oħra tal-UE f'konformità mal-Linji Gwida tal-IHL <sup>10</sup> tal-UE, ppustjati f'pajjiżi terzi. Li jiġi żgurat li r-rapporti ta' vjolazzjonijiet serji huma analizzati u segwiti fil-kwartieri ġenerali u kondiviżi mal-Istati Membri u atturi rilevanti oħra. | Sal-2017 | <b>COM, SEAE, SM</b>      |

<sup>10</sup> Il-persunal umanitarju tal-UE huwa eżentat minn dan ir-rekwiżit ta' rapportar, sabiex jiġi evitat li tiġi kompromessa l-perċezzjoni tan-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom, li jistgħu jesponu l-ħaddiema tal-ġħajnuna kif ukoll il-popolazzjoni affettwata għal attackki minn partijiet fil-ġlied, u li jiġi miċħud aċċess għall-popolazzjoni affettwata.

|   |   |                     |                               |
|---|---|---------------------|-------------------------------|
| <b>21. Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' responsabbiltà u ġustizzja tranżizzjonali (TJ)</b>                               | a. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha. Formalizzar tat-twaqqif ta' Roundtable tal-UE/QKI, li tippermetti lill-persunal rilevanti jidentifika oqsma ta' interess komuni, skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet rilevanti u jinħoloq fehim aħjar bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Faċilitar tal-parteċipazzjoni, il-kooperazzjoni u l-aċċess ta' Stati interessati fil-QKI.   | Sal-2016            | <b>SEAE, COM, SM</b>          |
|   | b. Implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-Ġustizzja Tranżizzjonali, inkluż permezz ta' eżerċizzju ta' mmappjar biex jiġu identifikati l-esperjenzi tal-UE, l-isfidi u tagħlimiet fl-appoġġ tagħha għall-ġustizzja tranżizzjonali; provvediment ta' gwida konkreta u taħriġ għal persunal tal-UE fuq missjoni li jaħdem fil-ġustizzja tranżizzjonali, netwerk ta' persunal bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE u l-Istati Membri tal-UE se jkun maħluq biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jitramwu l-koerenza u l-konsistenza; żieda ta' monitoraġġ u rappurtar (inkluż permezz tal-Istrateġiji skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) u li jippromwovu djalogu interreġjonali dwar il-ġustizzja tranżizzjonali biex titjieb il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet reġjonali. | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |
| <b>22. Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-fażijiet kollha tal-ippjanar, reviżjoni u t-tmexxija tal-PSDK</b> | a. Żvilupp ta' gwida operazzjonali speċifika għas-settur għal persunal f'missjonijiet tal-PSDK li jaħdmu mal-pulizija, fil-militar, servizzi tal-ħabsijiet u tal-ġudikatura, biex jingħataw orjentazzjoni prattika dwar l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, il-protezzjoni tat-tfal u l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż UNSCR 1325.   | Sal-2017            | <b>SEAE, SM</b>               |
|   | b. Implimentazzjoni tal-kodiċi komuni ta' kondotta għal missjonijiet ċivili tal-PSDK, ladarba jkun ġie adottat, inkluż permezz ta': taħriġ ta' qabel l-ippustjar u ta' introduzzjoni għall-persunal, taħriġ speċifiku għall-missjoni għall-persunal fil-post, taħriġ speċjalizzat għall-persunal anzjan, sensibilizzazzjoni f'missjonijiet u għall-popolazzjonijiet lokali, u l-kumpilazzjoni ta' statistika dwar każijiet ta' ksur tal-kodiċi. Jittieħdu passi simili biex jiġi żgurat għarfien akbar ta' standards ta' kondotta fost persunal skjerat f'operazzjonijiet militari, u biex jiżdied l-għarfien fil-  | Sal-2017            | <b>SEAE, SM</b>               |

|   |  |                     |                      |
|---|--|---------------------|----------------------|
|   | komunitajiet lokali fejn jġu mnedija missjonijiet/operazzjonijiet.   |                     |                      |
|   | c. Tissaħħaħ l-implimentazzjoni ta' Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni fl-UE tal-UNSCR 1325 u 1820 dwar in-Nisa, il-paċi u s-sigurtà u r-risoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha billi jittieħed kont tar-Reviżjoni Globali u kwistjonijiet emerġenti (CT, il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, it-traffikar tal-bnedmin), titjib tar-rappurtar, l-adozzjoni ta' pjan strateġiku biex jġi indirizzat l-iżbilanċ bejn is-sessi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK u titjib fl-involviment u l-koordinazzjoni mal-SM kollha tal-UE, b'mod partikolari permezz tat-task force informali tal-UE dwar l-UNSCR 1325.  | Sal-2016            | <b>SEAE, COM, SM</b> |
| <b>IV. TRAWWIM TA' AKTAR KOERENZA U KONSISTENZA</b>   |  |                     |                      |
| <b>23. Emigrazzjoni/traffikar tal-bnedmin (THB)/traffikar tal-migranti/politiki dwar l-ażil</b> | a. F'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) u l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni li jmiss, tisħiħ tas-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi kollha dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà u oqfsa ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi Sħubiji ta' Mobilità u Aġendi Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà, kif ukoll ftehimiet u programmi relatati mal-migrazzjoni, inkluż permezz tal-analiżi tal-impatti tad-drittijiet tal-bniedem; tiġi żgurata l-introduzzjoni ta' elementi ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem fi proġetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet mal-aġenziji tal-immigrazzjoni u l-aġenziji tal-fruntieri.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>     |
|   | b. Filwaqt li nibnu fuq il-passi diġà meħuda fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra t-Traffikar, integrazzjoni bis-siħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-vittmi f'diskussjonijiet dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (THB) fil-qasam politiku, il-migrazzjoni u l-mobbiltà, is-sigurtà u djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi prijoritarji identifikati, u b'diskussjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin ma' organizzazzjonijiet u donaturi internazzjonali li joperaw f'dawk il-pajjiżi prijoritarji; DELs tal-UE f'pajjiżi ta' prijorità ser jagħmlu użu siħ tal-persuna ta' kuntatt maħtura tagħhom dwar it-traffikar tal-bnedmin, u jitqajmu kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem meta jġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin f'laqgħat ta' koordinazzjoni lokali tal-UE, kif ukoll f'diskussjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>     |

|    |   |                        |                          |
|----|---|------------------------|--------------------------|
|    | mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti; appoġġ għar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin dwar it-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-konvenzjonijiet tal-ILO dwar ix-xogħol furzat u l-ħaddiema domestiċi.   |                        |                          |
| c. | Indirizzar ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem assoċjati ma' kuntrabandu ta' persuni permezz ta' djalogi politiċi, drittijiet tal-bniedem u djalogi oħrajn f'pajjiżi prijoritarji; inkoraġġiment ta' DELs tal-UE f'pajjiżi prijoritarji biex jagħmlu użu sħiħ tar-riżorsi tagħhom biex jiżguraw li t-traffikar tal-persuni u d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tiegħu jkunu indirizzati b'mod konsistenti fil-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti kif ukoll mas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra. | Sal-2017               | <b>SEAE</b>              |
| d. | Appoġġ lill-pajjiżi msieħba biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tar-refuġjati u persuni spostati internament (IDPs), inkluż permezz ta' bini ta' kapaċitajiet.   | Għaddejjin<br>bħalissa | <b>SEAE, COM</b>         |
| e. | Appoġġ għall-aċċess imtejjeb għall-ġustizzja u s-saħħa għal migranti f'pajjiżi ta' tranżitu; promozzjoni ta' kondizzjonijiet imtejba ta' detenzjoni għal migranti detenuti u alternattivi għall-użu ta' detenzjoni għall-migranti irregolari f'pajjiżi terzi.   | Għaddejjin<br>bħalissa | <b>COM</b>               |
| f. | Ħidma ma' komunitajiet tad-dijaspora kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi ta' destinazzjoni li mhumx fl-UE biex jiġu promossi l-għarfien ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem iffaċċjati mill-migranti u r-refuġjati f'pajjiżi ta' tranżitu, kif ukoll ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.   | Sal-2017               | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b> |
| g. | Identifikazzjoni tal-pajjiżi ta' oriġini fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jaġixxi bħala fattur ewlieni li jikkawża l-immigrazzjoni, u jiġi mmirat aħjar id-djalogu politiku u djalogi oħrajn u programmi sabiex jindirizzaw dan il-ksur.   | Sal-2016               | <b>SEAE, COM,<br/>SM</b> |
| h. | Tkompli tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-apolidija f'relazzjonijiet ma' pajjiżi ta' prijorità; l-isforzi jiffukaw fuq prevenzjoni tal-emerġenza ta' popolazzjonijiet apolidi ġodda  | Għaddejjin             | <b>SEAE, COM</b>         |

|   |  |                     |                               |
|---|--|---------------------|-------------------------------|
|   | bħala riżultat ta' kunflitt, l-ispostament u x-xoljiment ta' Stati.  | bħalissa            |                               |
| <b>24. Politika ta' investment/kummerċ</b>    | a. Provediment ta' appoġġ għal implimentazzjoni effettiva, l-infurzar u l-monitoraġġ ta' impenji tal-benefiċjarji tal-GSP+ (trattati rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem u konvenzjonijiet tal-ILO), pereżempju permezz ta' proġetti ma' korpi internazzjonali ewlenin u s-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
|   | b. Tkomplija ta' żvilupp ta' approċċ robust u metodoloġikament sod għall-analiżi tal-impatti tad-drittijiet tal-bniedem fuq ftehimiet kummerċjali u ta' investment, inkluż f'evalwazzjonijiet ex post; esplorazzjoni ta' modi biex tiġi estiża analiżi kwantitattiva eżistenti fil-valutazzjoni tal-impatt ta' inizjattivi ta' kummerċ u investment fuq id-drittijiet tal-bniedem.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
|   | c. L-Istati Membri tal-UE jagħmlu ħilithom biex jinkludu t-Trattati Bilaterali ta' Investment (BITs) li jkunu qed jinnegozjaw ma' dispożizzjonijiet għal pajjiżi terzi li jirrigwardaw ir-rispett u l-osservazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, f'konformità ma' daww imdaħħla fil-ftehim innegożjat fil-livell tal-UE.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SM</b>                     |
|   | d. Qed ikun immirat li b'mod sistematiku r-rispett ta' prinċipji u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGP), id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u ISO 26000, jiġu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE .     | Għaddejjin bħalissa | <b>COM</b>                    |
|   | e. Regolament jiġu riveduti r-Regolamenti dwar il-kummerċ ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali jew it-tortura, u dwar Oġġetti b'Użu doppju.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
| <b>25. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT)</b> | a. Skont l-Istrateġija tal-UE ta' kontra t-terroriżmu, għandhom jiġu żviluppati settijiet ta' ideat għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-vjolenza estremista fost iż-żgħażaġħ f'pajjiżi terzi, kif jiġu megħjuna l-attivitajiet tal-UE u kif wieħed jaħdem mal-midja u l-mexxejja tal-komunità biex jiġu żviluppati kontronarrativi f'dawn il-pajjiżi; promozzjoni u appoġġ sabiex id-drittijiet tal-bniedem ikunu fiċ-ċentru ta' kull leġiżlazzjoni, politika u mekkaniżmi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'pajjiżi terzi, | Sal-2015            | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |

|   |  |                     |                               |
|---|--|---------------------|-------------------------------|
|   | filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-IHL, u li tkun permessa azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji.  |                     |                               |
|   | b. Assigurazzjoni ta' disseminazzjoni wiesgħa ta' gwida tas-CT tal-UE, inkluż b'invoviment f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ tal-professjonisti fil-qasam, b'mod partikolari għal attivitajiet implimentati taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi.  | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
| <b>26. Insegwiment ta' Approċċ għall-Iżvilupp Ibbażat fuq id-Drittijiet (RBA – Rights Based Approach)</b>         | a. Implimentazzjoni tal-impenn tal-UE li timxi lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet billi ssegwi l-integrazzjoni sħiħa tiegħu fl-attivitajiet kollha tal-UE għall-iżvilupp, permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ, appoġġ tal-kapaċitajiet u l-monitoraġġ bil-ħsieb li tinkiseb integrazzjoni sħiħa fi żmien ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu; l-Istati Membri tal-UE jadottaw u jimplimentaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp.  | Sal-2016            | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |
|   | b. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Anness 12 tal-Politika dwar l-Appoġġ Baġitarju tal-UE tal-2012 li twaqqaf valutazzjoni tal-Valuri Fundamentali bħala element essenzjali għall-appoġġ tal-baġit, u b'mod partikolari f'dan il-kuntest l-integrazzjoni sħiħa ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet f'Kuntratti ta' Riforma Settorjali.  | Sal-2017            | <b>SEAE, COM</b>              |
|   | c. Esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi implimentat aktar l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għal attivitajiet mhux ta' żvilupp esterni relatati, analiżi tal-konsegwenzi tad-dritt għall-iżvilupp u evalwazzjoni tar-riżultati tal-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Wara l-2015.   | Sal-2017            | <b>SEAE, COM</b>              |
| <b>27. Tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt (VI) għar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem</b> | a. Filwaqt li wieħed jibni fuq il-valutazzjoni tal-impatt eżistenti tal-azzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali, għandu jkun hemm tkompli fit-titjib tal-inkorporazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni għall-proposti b'effett estern u x'aktarx impatt sinifikanti dwar ir-riżorsi umani; dan għandu jsir, kif meħtieġ, billi tiġi żviluppata aktar gwida dwar l-analiżi tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ tal-għarfien espert u kapaċitajiet għal dan it-tip ta' analiżi u l-iżgurar ta' konsultazzjonijiet robusti mal-gruppi tal-partijiet interessati rilevanti esposti għal riskji kbar tad-drittijiet tal-bniedem. | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |

|  |   |                     |                               |
|--|---|---------------------|-------------------------------|
|  | b. Inkorporazzjoni, fejn rilevanti, tal-analiżi tal-impatti tad-drittijiet tal-bniedem fl-evalwazzjonijiet ex post tal-Kummissjoni tal-interventi tal-UE b'effetti esterni.   | Għaddejnin bħalissa | <b>COM, SEAE</b>              |
|  | c. Tkun żgurata koerenza ta' politika bejn l-analiżi tal-impatti tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa f'Valutazzjonijiet tal-Impatt u strumenti ta' politika oħra relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inklużi strateġiji tal-pajjiżi tad-drittijiet tal-bniedem, id-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ baġitarju/programmar ta' strumenti ta' finanzjament, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali identifikati u jiġu massimizzati dawk pożittivi.                              | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM</b>              |
| <b>V. ŻIEDA FL-EFFETTIVITÀ U L-KULTURA TAR-RIŻULTATI FID-DRITTIJET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA</b> |   |                     |                               |
| <b>28. Inżidu l-effettività tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</b>                         | a. Żvilupp, kondivizzjoni u bini fuq l-aħjar prattiċi identifikati għad-Djalogi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi proċessi ta' segwitu.   | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, Kunsill</b>          |
|  | b. Jiġi żgurat li l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ikunu inklużi fid-diversi djalogi settorjali ma' pajjiż sieħeb u li jkunu jagħmlu parti mill-istrateġija bilaterali globali.   | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, Kunsill</b>          |
|  | c. Tiġi żgurata koordinazzjoni interna-esterna fil-kuntest tad-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż għal djalogu UE-CSO annwali; definizzjoni u indirizzar ta' għadd ta' kwistjonijiet prijorarji tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem esterni li tista' tiġi pprovduta reazzjoni tal-UE aħjar dwarhom.  | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |
|  | d. L-integrazzjoni ta' "kooperazzjoni fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU" fid-djalogu politiku u kooperazzjoni bilaterali tad-drittijiet tal-bniedem; insewiment ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet konġunti, b'mod partikolari ma' msieħba strateġiċi; żvilupp ta' gwida għall-użu sistematiku ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali, il-korpi ta' monitoraġġ tat-Trattat u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem | Għaddejnin bħalissa | <b>SEAE, COM, Kunsill, SM</b> |

|  |  |                     |                        |
|--|--|---------------------|------------------------|
|  | e. Twaqqif/Evalwazzjoni ta' prijoritajiet, objettivi, indikaturi tal-progress għal djalogi u konsultazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rieżami tagħhom, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-abbiltà u r-rieda tal-imsieħba li jinvolvu ruħhom tvarja u l-flessibbiltà u l-prammatiżmu huma ta' importanza kbira. | Sal-2017            | SEAE, Kunsill          |
| <b>29. Titjib fil-viżibbiltà u l-impatt ta' Strateġiji skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (HRCS)</b> | a. Integrazzjoni tal-istrateġiji tal-pajjiżi tad-drittijiet tal-bniedem u implimentazzjoni tal-prijoritajiet u analiżi tad-demokrazija fi djalogi politiċi, ir-rappurtar u ż-żjarat ta' livell għoli.  | Għaddejjin bħalissa | SEAE, COM, SM          |
|  | b. Żgurar ta' segwitu tal-HRCS permezz ta' rapporti ta' implimentazzjoni annwali konġunti li għandhom jiġu ppreżentati lill-korpi rilevanti tal-Kunsill.   | Għaddejjin bħalissa | SEAE, COM, Kunsill, SM |
|  | c. Jiġi żgurat li l-programmi ta' assistenza tal-UE u tal-Istati Membri jqisu u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' prijoritajiet HRCS.  | Għaddejjin bħalissa | SEAE, COM, SM          |
| <b>30. Iffokar fuq l-implimentazzjoni tal-Linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</b>                  | a. Intensifikazzjoni tat-tixrid ta' dokumenti rilevanti ta' gwida u taħriġ speċjalment lill-persunal diplomatiku fid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri, inkluż fil-livell tal-Ambaxxaturi.   | Għaddejjin bħalissa | COM, SEAE, SM          |
|  | b. Rappurtar sistematizzat dwar l-implimentazzjoni tal-Linji gwida u introduzzjoni ta' logbooks dwar kwistjonijiet tematiċi speċifiċi, biex jiżguraw segwitu aktar sistematiku għal każijiet individwali u biex jipromwovu l-iskambju regolari tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-Linji gwida.   | Għaddejjin bħalissa | COM, SEAE, SM          |
| <b>31. L-immassimizzar tal-impatt ta' Osservazzjoni Elettorali</b>   | a. Konsolidazzjoni u kodifikar tal-aħjar prattiki għal effett ta' lieva ta' rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali OSKE/ODHIR fi djalogi politiċi tal-UE u l-Istati Membri tal-UE u l-attivitajiet li jappoġġaw id-demokrazija.                                   | Sal-2016            | SEAE, COM, Kunsill     |
|  | b. Tisħiħ tal-ippjanar fit-tul u l-implimentazzjoni integrata tal-aspetti kollha ta' appoġġ tal-UE u tal-Istati Membri għaċ-ċiklu elettorali, billi jiġu esplorati mekkaniżmi ta' twassil ta' għajnuna innovattivi.  | Sal-2019            | SEAE, COM, SM          |

|  |   |                     |                           |
|--|---|---------------------|---------------------------|
| <b>32. L-iżgurar tal-użu effettiv u l-aħjar interazzjoni bejn il-politiki tal-UE, l-għodod u l-istrumenti ta' finanzjament</b> | a. Konsolidazzjoni tad-diversi għodod eżistenti u mekkaniżmi ta' rappurtar użati biex jappoġġaw id-demokrazija u jipromwovu d-drittijiet tal-bniedem sabiex tiżdied il-koerenza u l-effettività tal-azzjoni tal-UE (eż. HRCS, l-analiżijiet tad-demokrazija u PA, rapporti minn osservazzjoni elettorali, assistenza elettorali u missjonijiet ta' segwitu, Rapporti ta' Progress dwar it-Tkabbir, ir-rapporti ta' progress tal-PEV u PA, l-pjanijiet direzzjonali tas-soċjetà ċivili, valutazzjonijiet ta' valuri fundamentali għal Governanza Tajba u Kuntratti ta' Żvilupp, l-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju għall-appoġġ baġitarju). | Sal-2017            | <b>SEAE, COM, Kunsill</b> |
|  | b. Tisħiħ tal-analiżi tad-demokrazija globali fuq il-bażi ta' tagħlimiet li ttieħdu mill-eżerċizzju pilota tal-appoġġ għad-demokrazija.   | Sal-2017            | <b>SEAE, COM, SM</b>      |
|  | c. Aktar żvilupp ta' metodi ta' ħidma sabiex tiġi żgurata l-aħjar artikulazzjoni bejn id-djalogu, appoġġ immirat, inċentivi u miżuri restrittivi.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>      |
|  | d. Titjib fil-koerenza fl-applikazzjoni ta' klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu sistematikament inklużi fil-ftehimiet internazzjonali ġodda kollha tal-UE.   | Sal-2017            | <b>SEAE, COM</b>          |
|  | e. Appoġġ għall-iżvilupp li għaddej tal-indikaturi tad-drittijiet tal-bniedem meħuda mill-OHCHR bil-għan li: (i) jiġi ffaċilitat il-kejl tat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-pubblikazzjoni onlajn tal-indikaturi fil-livell globali, u (ii) kompilazzjoni sistematika u l-użu tad-drittijiet tal-bniedem u valutazzjoni tal-aħjar prattiċi u t-tagħlimiet meħuda.  | Sal-2017            | <b>SEAE, COM, Kunsill</b> |
|  | f. Involvement b'mod sistematiku man-NU u mal-organizzazzjonijiet reġjonali (pereżempju l-UA, l-OAS, LAS, il-KtE, l-OSKE, l-ASEAN, is-SAARC, PIF eċċ.) dwar l-aħjar prattiki għad-drittijiet tal-bniedem u t-tisħiħ tad-demokrazija fir-reġjuni kollha.   | Għaddejjin bħalissa | <b>SEAE, COM, SM</b>      |